# HAJJA QASIRA

*Dak li jħobbuh l-allât imut żagħżugħ.*

MENANDRO.

Inħoss u nifhem fija n-nifsi u nemmen li jien ma ndumx ma mmut. Ħajja qasira għandu ġismi marid. Id-dinja fiergħa, bil-ġid, bil-ġieħ, bil-għors u b'kulma fiha, mhix il-qagħad tiegħi. Jien ma ngħixx bi ħwejjeġ li tmisshom u tarahom. L-ikel tiegħi l-ħsieb ta' moħħi, u x-xorb tiegħi l-għana li jfawwarli qalbi bħal gelgûl. Inħossni, inħossni mejjet ħaj: mejjet għad-dinja u ħaj għal xi mkien ieħor, xi mkien ieħor aqwa u aħjar minn hawn, xi mkien fejn tgħammar l-erwieħ il-kbar. Lê, lê: mhix din saltnâti u ma tistax tkun din. Inħoss u nifhem li min hu bħali mhux maħluq għal saltna tat-tafal wieqfa fuq ir-ramel, kollha mimlija jasar u frugħat. Hemm oħra, bgħid jew qrib, x'imkien bejn l-art u s-sema, għanja bid-dawl tal-għerf, mid-deni mħarsa, li ma tafx b'wisa' jew bi żmien, moħbija qalb ix-xemx u l-qawsalli, ħelu ħelu mistrieħa fuq il-ġwienaħ kbar tal-*għaġeb* u ta' *seħer il-ġmiel*, li l-ebda bniedem ħlief il-poeta ma jaf biha. Imkebbes bi xrar l-imħabba ta' l-allât tal-Għana, u maħluq biex mix-xejn tal-ħolm ta' qalbu hu wkoll isawwar universi ġodda, ma jistax il-poeta jsib saltnâtu fejn isibuha oħrajn ta' moħħhom dgħajjef u qalbhom iebsa li f'għomorhom kollu ma jduqu qatt il-bews tal-Poeżija, is-Sultana ta' l-Arti. Inħoss u nifhem li miniex ta' din l-art. Jidhirli jiena li, għalkemm bniedem, il-bnedmin tad-dinja ma jixbhunix. Inħoss bħal ħaġa fija li biha nisboq lill-oħrajn. U sehmi u ġîdi u tamti l-Poeżija! Ngħammar, waqtiet, f'saltna ta' ħolm, f'saltna ta' mħabba, f'saltna ta' ġmiel! Kulma nixtieq insibu fil-ħsieb ta' moħħi! Fil-palazz ta' qalbi tgħix it-tfajla li nħobb, tfajla li twieldet u kibret miegħi bħala biċċa minni li ma tintemmx għal kollox! Għax jispiċċa ż-Żmien, il-Wisa' u kull ma sar; imm'aħna, jiena u t-tfajla li nħobb—il-Poeżija—ma nispiċċawx mal-mewt: għax meta mmutu, nerġgħu nitwieldu biex ma mmutu qatt!

KARMENU VASSALLO

14 ta' Frar, 1938

# IT-TLIET GRAZZJI

*(Jaqbad mal-għadd ta' Diċembru 1937, p. 124)*

It-tliet Grazzji kienu mixjin ħarir fl-arti sabiħa taż-żfin u Mrs. Younger darba ferħet lil Mrs. Busuttil għall-progress li kienet qiegħda tagħmel bintha Mary. Mhux għax it-tnejn l-oħra ma kinux bravi wkoll, imma Mary kienet l-aħjar waħda fost l-allievi tagħha kollha. Fl-istess waqt li Mary kienet qiegħda tagħmel tant progress fiż-żfin, Lucinda kienet qiegħda tagħmel progress akbar fin-namur u kellha għal warajha nofs il-klassi. Imma hija kienet wisq miġbuda għal Bertie Cassar, li kienet għarfet fil-Ballu tal-Borża, u Bertie, għalkemm kien iħobb jiżfen ma' kulħadd, lil Lucinda kien taha biżżejjed x'tifhem li jippreferiha għal kulħadd. Lucinda, mogħmija wara Bertie, kienet għall-ewwel darba dinbet kontra l-Għaqda u ħbiet lil ħutha dik il-ġibda li kienet qiegħda, jum wara jum, tikber dejjem iżjed fiha.

F'dawk il-ħames minuti li l-mamajjiet kienu jiltaqgħu fl-antikamra ta' Mrs. Younger, jistennew lil uliedhom ħerġin kienu jgħidu waħda lill-oħra, il-bravuri ta' wliedhom, kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola, kif ukoll ħafna praspar fuq kemm il talba ġa kellhom għaż-żwieġ; talbiet ta' żgħażagħ għonja u mill-iżjed serji.

Jum wieħed, is-sinjura Busuttil kif reġgħet lura d-dar, mat-tliet Grazzji, minn għand Mrs. Younger, ġibdet fil-ġenb lil Lucinda u staqsietha min kien dak il-ġuvni li baqa' ħiereġ magħha sal-bieb ta' barra ta' Mrs. Younger. Mhux għax dak il-ġuvni kellha xi tgħid xi ħaġa fih, xejn affattu; kien żagħżugħ ħelu, twil u eleganti, u kif kienet ġa ntebħet fil-Ballu tal-Borża, kellu ħafna għal warajh. Imma, bħala omm, kellha tkun taf lil dawk iż-żgħażagħ kollha li kienu midħla ta' wliedha.

"Bertie," wieġbet xott xott Lucinda.

"Bertie Cassar?" kompliet l-omm.

"Iva," tenniet ftit u xejn mistagħġba Lueinda.

"Kif kien tħallih waħdu Lilian Muscat? Sa fejn naf jien Lilian mhix fil-klassi tagħkom, mhux hekk?" staqsietha is-sinjura Busuttil.

"Le. Lilian mhix magħna," kompliet Lucinda bħal waħda mismuta "imma x'għandha x'taqsam Lilian?